# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 05

Data tal-laqgħa: 24 ta' Settembru, 2019

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 24 ta' Settembru 2019 fil-5.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |
| Ambaxxatur ta' Żgħażagħ | Isaac Paul Aquilina |

Il-laqgħa bdiet fis-5.00p.m. billi ntqalet it-talba.

**05/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**05/01/01** Ma kienx hemm.

**05/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 04**

**05/02/01** Kien hemm korrezzjoni fil-Minuta **Para 04/03/02:** Is-Sindku qalet li filgħodu fi Triq Santa Katerina (ħdejn tal-VRT u l-Mechanic) qiegħed ikun hemm konfużjoni sħiħa u talbet li ninformaw lil LESA u l-Pulizija. Is-Sur Christopher Fenech qal li jekk ma jsir xejn nibagħtu ittra-e lil Ministru u biex tal-VRT u l-Mechanic jingħataw post alternattiv. Kien hemm qbil unanimu.

**05/02/02** **Para 04/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq is-sejħa tal-*Contracts Managers*, id-Dipartiment ħa jipprovdi *specimen* tal-ispeċifikazzjonijiet fis-sistema *IntraLocal*.

**05/02/03** **Para 04/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor kwotazzjonijiet għal kiri ta' van għal Kunsill.

**05/02/04** **Para 04/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta mill-FTZD rigward meta l-latrini pubbliċi ser jgħaddu għandhom.

**05/02/05** **Para 04/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 5 *cigarette bins* għal ħdejn il-każini ġew ordnati.

**05/02/06** **Para 04/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat li Triq l-Oratorju tiġi bil-parkeġġ fuq iż-żewġ naħat.

**05/02/07** **Para 04/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat li Triq Ferdinandu tiġi *one-way*.

**05/02/08** **Para 04/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-laqgħa mal-Kumitat tal-Għargħur FC saret. Is-Sindku spjegat li ħa nieħdu parir legali sabiex isir formola ta' kunsens ħalli t-tfal ikunu jistgħu mmorru jilgħabu l-ground u fl-istess ħin jekk jinqala' xi ħaġa l-Kumitat tal-Għargħur FC ma jkunx responsabbli. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/02/09** **Para 04/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabelli li jridu jitwaħħlu fi Triq il-Ġnien int u ġej mill-Madliena Village sabiex is-sewwieqa jnaqqsu l-veloċità ġew ordnati.

**05/02/10** **Para 04/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvaw li Triq San Nikola tiġi *one-way*.

**05/02/11** **Para 04/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *flexible bollards* ta' ħdejn 110 Triq San Ġwann saru.

**05/02/12** **Para 04/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*junction boxes* ta' mal-ġenb tal-knisja saru.

**05/02/13** **Para 04/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *junction box* quddiem bieb fi Triq il-Kbira li minnu jgħaddu 50 familja saret.

**05/02/14** **Para 04/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li STOP *signs* ta' Triq Vendome saru.

**05/02/15** **Para 04/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*junction box* ta' quddiem *gate* ta' għalqa fi Triq Mons. Luigi Catania għadha ma saretx.

**05/02/16** **Para 04/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħaddiem mir-Reġjun Tramuntana lesta *refreshing* ta' toroq kollha.

**05/02/17** **Para 04/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt ser jibda x-xogħol fuq il-bankina ta' Triq San Bartilmew (in-naħa t'isfel).

**05/02/18** **Para 04/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta qabel ma jsiru l-*parking bays* fil-pjazzetta tal-*housing estate* ta' Xwieki.

**05/02/19** **Para 04/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* tal-Pjazza għadha ma twaħlitx.

**05/02/20** **Para 04/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġew ordnati żewġ *information panels* waħda għal ħdejn il-kappella ta' San Ġwann u l-oħra għal ħdejn il-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**05/02/21** **Para 04/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta ma approvatx li jsiru *flexible bollards* fejn għalqa fi Triq l-Indipendenza u li ppruvajna nagħmlu kuntatt ma' sid l-għalqa imma kollu għal xejn.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**05/02/22** **Para 04/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Abraham Aquilina ħejja lista għal *heritage trail*. Is-Sur Christopher Fenech qal li hawn anzjani fir-raħal li jistgħu jgħinuna f'dan ir-rigward. Kien hemm qbil unanimu.

**05/02/23** **Para 04/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet l-*litter bin* għal Triq Mons L. Catania k/m Triq Għaxqet l-Għajn sar.

**05/02/24** **Para 04/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser niġbru stimi biex il-gandott ta' Triq il-Ġnien jiġi kopert.

**05/02/25** **Para 04/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ tabelli *(rubber humps)* fi Triq l-Isqof Gargallo saru.

**05/02/26** **Para 04/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li matul ix-xahar ta' Ottubru ħa nixgħelu t-Torri tas-Semaforu roża biex infakkru *Pink October*.

**05/02/27** **Para 04/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sar *double yellow line* faċċata ta' garaxx fi Triq San Ġwann, biex ir-resident ikun jista' joħroġ bil-van mill-garaxx.

**05/02/28** **Para 04/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadhom ma sarux iż-żewġ *parking bays* ħdejn il-ħanut Happy Tree fi Triq Mons Luigi Catania.

**05/02/29** **Para 04/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diversi Kunsilli Lokali qed joffru servizz ta' TukTuk b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal anzjani. Il-Kunsill talab laqgħa mal-Ministru.

**05/02/30** **Para 04/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta minn Transport Malta fuq issuġġeriment li jsiru 3 *sleeping police* fi Triq il-Ġnien.

**05/02/31** **Para 04/02/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-proposti għal Fondi għall-inizjattivi Kulturali / Soċjali mill-Fondi tal-LESA għandhom ikunu sottomessi lill-AKL sa nofsinhar tal-Ħamis, 31 t' Ottubru 2019. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru 2019 fit-8:00a.m.

**05/02/32** **Para 04/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*water culvert* fi Sqaq il-Warda ħa jsir dalwaqt.

**05/02/33** **Para 04/02/42:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*sleeping police* ta' Triq Santa Katerina saret.

**05/02/34** **Para 04/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta fuq it-talba għal *double yellow line* fejn il-garaxx ta' dar 'Our Nest' fi Triq Karmnu Zarb.

**05/02/35** **Para 04/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet l-*bin* ġdid għal Xwieki *Housing Estate* sar.

**05/02/36** **Para 04/02/48:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kuntrattur ħa jirranġa l-kaxxa safra fi Triq San Ġwann għax ma hemmx 1m fuq kull naħa u l-bqija tiġi kaxxa tal-mutur.

**05/02/37** **Para 04/02/50:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kaxxa safra ta' ħdejn 'The Village' fi Vjal ir-Repubblika saret bajda.

**05/02/38** **Para 04/02/51:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *bus stop* fi Triq San Ġwann faċċata ta' Joe's Garage suppost dalwaqt jitpoġġa.

**05/02/39** **Para 04/02/52:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaddiem Fredu Cuschieri beda jixkatla u jiżbogħ il-bankijiet ta' Ġnien il-Paċi.

**05/02/40** **Para 04/02/53:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella *do not obstruct* fuq *pole* ġo sqaq ħdejn Busietta Gardens, it-tabella ġdida *No entry* ħdejn Francia's Clip & Dye Salon u tabella *No heavy vehicles* f'Triq l-Oratorju saru.

**05/02/41** **Para 04/02/54:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *bicycle rack* għal ħdejn it-*telephone box* f'Misraħ il-Knisja ġiet ordnata.

**05/02/42** **Para 04/02/55:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li GO p.l.c. ma qablux li flok it-*telephone* li hemm ġo *telephone box* inpoġġu AED. Is-Sur Christopher Fenech qal li nistgħu nistaqsu lil Kunsill Lokali ta' Ħal Safi minn fejn xtraw AED tagħhom u sabiex din teħel mal-faċċata tal-Kunsill. Barra minn hekk, is-Sur Fenech qal li meta teħel AED għandna immedjatament ninformaw lit-tobba/spiżeriji li hawn fil-Għargħur.

**05/02/43** **Para 04/02/56:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew il-*Works Order Quotation* mingħand id-District Office biex isiru *bollards* f'toroq prinċipali u fuqhom ikun hemm tabella li turi li triq magħluqa.

**05/02/44** **Para 04/02/57:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex issir sistema ta' ġestjoni tat-traffiku fi Xwieki.

**05/02/45** **Para 04/02/59:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta sabiex Triq San Bartilmew l-biċċa t'isfel tiġi *one-way* jiġifieri l-karozzi jinżlu l-isfel.

**05/02/46** **Para 04/02/60:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rridu niġbru l-informazzjoni mingħand 'The Grow 10 Trees Project' għat-tabelli li ħa jitpoġġew qrib is-siġar li ħawwlu fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**05/02/47** **Para 04/02/61:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki.

**05/02/48** **Para 04/02/66:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-linja li rridu mmexxu ta' fejn jistennew il-karozzi għat-*Traffic Lights* ta' Triq il-Ġnien saret.

**05/02/49** **Para 04/02/69:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill talab lil Onor Dr Clifton Grima biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja. Dan sabiex il-kamra tkun tista' tintuża bħala librerija kif ukoll għal servizzi soċjali oħra, u jiżdied sular ieħor.

**05/02/50** **Para 04/02/70:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'Ottubru ser isiru lezzjonijiet tal-Pilates u Aerobics.

**05/02/51** **Para 04/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li organizzajna minivan għal Puttinu's Bingo.

**05/02/52** **Para 04/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Infrastructure Malta biex isir *bus shelter* fi Triq ix-Xwieki.

**05/02/53** **Para 04/03/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa nipprovaw inġibu fondi biex jinbidel is-*safety flooring* ta' Ġnien il-Paċi u sabiex ikun hemm bandla għat-tfal iż-żgħar u *playhouse*.

**05/02/54** **Para 04/05/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa titqassam ittra bieb bieb rigward is-servizz ġdid li qed joffri l-Kunsill Lokali flimkien ma' The Notebook Centre.

**05/02/55** **Para 04/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tlabna laqgħa mal-MEUSAC fuq *EU Funding Opportunities.*

**05/02/56** **Para 04/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Kunsill ma laqax it-talba li jsir *double yellow line* fi Triq Mattia Preti n-naħa tal-garaxxijiet.

**05/02/57** **Para 04/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow line* fi Triq E. Perren faċċata tal-garaxx tar-resident għadu ma sarx.

**05/02/58** **Para 04/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa jiġu ordnati żewġ tabelli tal-isem ta' Triq San Bartilmew.

**05/02/59** **Para 04/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bozza ġdida fi Triq iċ-Ċawl għadha ma saretx.

**05/02/60** **Para 04/05/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna tabella ta' Motor Cycle taħt il-bankina fi Triq l-Oratorju għax qed jipparkjaw il-karozzi fuq il-*parking* tal-MC.

**05/02/61** **Para 04/05/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex isir *Bus Stop* qrib 'The Village Store' fi Triq Caravaggio.

**05/02/62** **Para 04/05/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna mera għal Sqaq ix-Xgħajrat.

**05/02/63** **Para 04/05/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *line* fin-nofs ta' Triq Mons Luigi Catania k/m Triq San Ġwann għadu ma sarx.

**05/02/64** **Para 04/05/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa nixtru *perspex* għal fuq ir-reception desk tal-Kunsill.

**05/02/65** **Para 04/05/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Fenech ser jaħdem il-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll jibdel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju.

**05/02/66** **Para 04/05/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tax-xogħlijiet ser jagħmlu *bollard* fuq kull naħa ta' Triq E. Perren flok iż-żewġ *pots.*

**05/02/67** **Para 04/05/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Mario Abela ħa jirranġa l-ħsara fid-dawl ta' Ġnien il-Paċi.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt


**05/02/68** **Para 04/05/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rridu nġibu stimi biex isir bank tal-ħadid fil-Ġnien ta' Żagħruna.

**05/02/69** **Para 04/05/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tlabna laqgħa mal-Kap tal-iskola tal-Għargħur.

**05/02/70** **Para 04/05/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella ġdida u kkulurita għal Ġnien il-Paċi ġiet ordnata.

**05/02/71** **Para 04/05/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tindif tal-*culverts* sar.

**05/02/72** **Para 04/05/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ġardinara poġġew iż-żrar fil-*pots* tal-Pjazza.

**05/02/73** **Para 04/05/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt ser jerġaw jeħlu ż-żewġ *billboards*.

**05/02/74** **Para 04/05/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *Cleanup* fi Triq Għaxqet l-Għajn saret.

**05/02/75** **Para 04/07/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li laqgħa pubblika fejn ħa jiġi ppreżentat il-programm ta' xogħol għall-ħames snin li ġejja ħa ssir il-Ħamis, 10 t'Ottubru 2019 fis-6:00p.m.

**05/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**05/03/01** Is-Sindku qalet li ħa jsir *October Fest* fuq livell nazzjonali, għaldaqstant, l-idea tagħna li norganizzaw *October Fest* ma għadiex rilevanti. Is-Sindku ħarġet bl-idea li jsir *Christmas Market* fuq jumejn (nhar it-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2019). L-għaqdiet tar-raħal ħa jkunu involuti. Waqt din l-attività ħa jkun hemm numru ta' *stalls* kif ukoll divertiment għal kulħadd. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**05/04/01** Ma kienx hemm.

**05/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**05/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority – PC/00016/19 – *Notification of Executive Council meeting agenda date.*

**05/05/02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa. Cynthia Formosa rigward Active Ageing and Community Care (AACC).

**05/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 4 ta' Settembru 2019).

**05/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 11 ta' Settembru 2019).

**05/05/05** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa. Clotilde Spiteri – Influenza Memo 2019.

**05/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-AKL – Cir AKL 2019/106 Seminar dwar Provvediment ta' Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**05/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority dwar PC/00016/19.

**05/05/08** Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Stephen Bonello (Direttur Generali) fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali datata 3 ta' Settembru 2019. Il-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura saddew *culvert* fi Sqaq il-Ħofra. Dan l-intervent sar wara diversi ilmenti mir-residenti ta' Gardenia Court, li jinsab fl-istess sqaq, fejn kien qed jiġi allegat li ilma tax-xita kien qed jidħol fil-garaxxijiet li jinsabu fil-basement minħabba xi ħsarat f'ġibjun fil-viċin. Peress li l-isqaq in kwistjoni huwa fir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali tal-Għargħur, l-intervent li sar ser jitneħħa minnufih kif talab il-Kunsill Lokali. Huwa qal li kull tip ta' ħsara li ssir lil terzi, kkawżata mit-tneħħija tal-intervent, hija a karigu tal-Kunsill Lokali u li Dipartiment mhux ser jintervjeni ħalli ma jkunx hemm problemi ta' responsabbilta' fil-futur. Is-Sur Bonello kiteb li f'każ li l-Kunsill Lokali jiddeċiedi li jagħmel it-tiswijiet meħtieġa fil-ġibjun, id-Dipartiment lest li joffri l-assistenza teknika ġaladarba l-Kunsill jaċċetta li jkopri l-ispejjeż ta' dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsill Lokali tal-Għargħur qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li l-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura jagħmel kemm it-tiswijiet meħtieġa kif ukoll ikopri l-ispejjeż ta' dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsill Lokali tal-Għargħur jagħmilha ċara li mhux responsabbli tal-ġibjun in kwistjoni.

**05/05/09** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Joe Micallef dwar Pink October Campaign 2019.

**05/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 18 ta' Settembru 2019).

**05/05/11** Il-Kunsill irċieva lment fuq l-istat tal-bankina ta' quddiem Apex B flats, Vjal ir-Repubblika. Il-Kunsill qabel unanimament li jgħid lill-kuntrattur li kien qed jaħdem hemmhekk biex jirranġaha.

**05/05/12** Fuq it-talba għal *dog bin* taħt it-tabella tal-ismijiet tat-toroq fil-pjazza tad-Dejma. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/05/13** Fuq it-talba għal 1.5m *double yellow line* faċċata tal-garaxx numru 28 u sabiex il-kaxxa l-bajda tiċkien fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit.*

**05/05/14** Fuq it-talba għal *parking* ta' mutur fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**05/05/15** Fuq it-talba għal 3 kaxxi sofor fi Triq Excelsior quddiem il-garaxx numru 1, 11 u 13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/05/16** Fuq it-talba għal kaxxi tal-*parking* fi Triq Vendome. Il-Kunsill qabel li nsaqsu lir-residenti ta' din it-triq jekk jaqblux li jsiru.

**05/05/17** Fuq it-talba għal kaxxi tal-*parking* u kaxxa ta' mutur fi Triq Vendome. Il-Kunsill qabel li nsaqsu lir-residenti ta' din it-triq jekk jaqblux li jsiru.

**05/05/18** Fuq it-talba biex *single yellow line* jigi *double yellow line* fejn St. Michael's Court fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill qabel unanimament li diġà hemm *double yellow line,* għaldaqstant, ħa nibagħtu ħaddiem jagħmel *refreshing*.

**05/05/19** Fuq it-talba għal *sleeping police* ħdejn il-ħruġ mill-*parking* tal-McDonald's. Il-Kunsill qabel li niktbu lil Transport Malta.

**05/05/20** Fuq it-talba għal *dog bin* fi Vjal ir-Repubblika. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/05/21** Fuq it-talba għal *culvert* fi sqaq numru 1 fi Triq Mons. Luigi Catania. Il-Kunsill qabel li nġibu stima mingħand tax-xogħlijiet.

**05/05/22** Fuq it-talba għal *double yellow line* faċċata tal-VRT fi Triq Santa Katerina. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/05/23** Fuq it-talba biex żewġ *parking spaces* jiġu ndaqs qrib ir-residenza Rummiena, fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*.

**05/05/24** Is-Sur Christopher Fenech ressaq suġġeriment li ngħidu lis-Sur Jurgen Baldacchino sabiex fi żmien il-Milied iżejjen id-dawl ta' toroq tal-Pjazza, kif ukoll parti minn Triq S. Zerafa k/m Triq San Ġwann u Triq San Ġwann k/m Triq San Bartilmew. Barra minn hekk, is-Sur Fenech qal li għandna nikru erba' arbli mingħand il-Kumitat tal-Armar sabiex inżejnu magħhom. Il-Kumitat tal-Armar ħa jerġa' jżejjen Triq l-Oratorju. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Soċjeta' Filarmonika San Bartilmew għandha tieħu ħsieb it-tiżjin tad-dawl ta' toroq tal-Pjazza u Triq San Bartilmew u tara li dawn ikunu ta' kwalità. F'każ li m'għandhomx ħa nqabdu lis-Sur Jurgen Baldacchino.

**05/05/25** Is-Sur Christopher Fenech ressaq suġġeriment sabiex l-*bus shelter* tal-pjazza jimxi faċċata, iżda l-Kappillan qal li l-Kurja mhux qed taqbel minħabba l-estetika tal-knisja. Għaldaqstant, qal li għandna nsaqsu lil FACES jekk nistgħux noħolqu *bus shelter* apposta li jmur mal-ambjent tal-pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/05/26** Is-Sur Christopher Fenech qal li għamel kuntatt miegħu is-Sur Jeffrey Borg sabiex nagħtu ftit konkos fl-akwati tal-Ferħa. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*.

**05/05/27** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li niktbu lil Infrastructure Malta sabiex il-*crash barrier* li kien hemm fil-bidu ta' Triq Birguma aħna u sejrin lejn il-McDonald's terġa' ssir.

**05/05/28** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li niktbu lil Transport Malta sabiex waqt il-ħinijiet li Triq San Bartilmew tkun magħluqa għax ikunu ħerġin / deħlin it-tfal tal-iskola, l-anqas l-karozzi tal-linja ma għandhom jitħallew jgħaddu għax huma ta' periklu. Il-Kunsill qabel unanimament u ħa nsaqsu lil Madam fejn jifqu eżattament l-*coaches*.

**05/05/29** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsiru żewġ tabelli żgħar (*slow down, watch for children*) qrib il-ground tal-football.

**05/05/30** Is-Sur Christopher Fenech qal li hemm bzonn niktbu lil Ministru Dr Josè Herrera, lis-Segretarju Parlamentari Dr Deo Debbatista, lil ERA, lil Cleansing, lil Għassa tan-Naxxar u lil Kunsill Lokali tan-Naxxar rigward rimi illegali li qed isir fi Triq John Adye (fin-Naxxar) bil-konsegwenza li dan il-materjal tal-kostruzzjoni qed jispicca fil-wied (li jagħmel mal-Għargħur). Is-Sur Fenech qal li fil-vicinanza hemm CCTV camera tal-barriera u ssuggerixxa li ngħidulhom jagħmlu ħajt jew *crash barrier* ħalli trakkijiet isibu ostakolu biex jarmu illegalment. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**05/05/31** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nixtru 3 CCTV cameras, tnejn minnhom biex juru l-faċċata tal-uffiċċju tal-Kunsill peress li għandna bħalissa mhux ċari u l-oħra għal fuq ġewwa tar-reception. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/05/32** Is-Sur Carl Grech qal li hemm koċċ skart fi Triq iċ-Ċawl k/m Triq il-Kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma l-kennies.

**05/05/33** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jsir *dog bin* fi Triq iċ-Ċawl k/m Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/05/34** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li l-attività tal-Mixja tal-Għar issir il-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru 2019. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/05/35** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jinżabru xi siġar li qegħdin fi Triq tal-Balal. Is-Sur Christopher Fenech qal li fil-passat kienu jinżabru mill-ELC bi pjaċir. Ġie deċiż li ngħidu lil sid l-għalqa biex jittrimmjahom.

**05/05/36** Is-Sur Abraham Aquilina qal li hemm bżonn *resurfacing* ta' Triq Caravaggio speċjalment l-aħħar biċċa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa jsir *resurfacing* ta' triq kollha minn Infrastructure Malta.

**05/05/37** Is-Sur Abraham Aquilina qal li hemm ħsara fil-bankina ta' quddiem il-flatijiet ta' Triq Dun Karm Fenech. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*.

**05/05/38** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ikla tal-Milied ħa ssir il-Ħamis, 12 ta' Diċembru 2019. Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ħaddiema tal-RSSL u CWSEF jiġu mistiedna. Il-Kunsill qabel unanimament.

**05/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati**

**05/06/01** Ma kienx hemm.

**05/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**05/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**05/08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**05/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:05p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 21 t' Ottubru 2019 fis-6:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**